TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 203/15/GB

**Keith Glanville**

**vs**

**RACA Ltd.**

Illum 9 ta' Dicembru 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Ottubru, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbghin Ewro (€40.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal flokk li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema flokk kien difettuż.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara flok tad-ditta *Fred Perry* minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' erbghin Ewro (€40.00), pero' wara li l-flokk inhasel qabel ma ntlibes, l-arma tad-ditta fuq il-flokk irhiet fuq il-flokk.

Meta r-rikorrent ilmenta fuq dan, is-socjeta' ntimata qaltlu biex jerga' jahsel il-flokk b'*detergent* partikolari. Ir-rikorrent ghamel hekk, pero' l-flokk baqa' ddanneggjat.

Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jiltob li jinghata flusu lura.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub, u ghalhekk baqghat kontumaci.

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jistqarr illi s-socjeta' ntimata kienet offriet li thallsu l-ammont ta' ghoxrin Ewro (€20.00), pero' huwa kien irrifjuta.

Ir-rikorrent ezebixxa l-flokk in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' *bank statement* bhala prova ta' l-ammont li hallas lis-socjeta' ntimata meta xtara l-flokk in kwistjoni, li ġiet immarkata bhala Dok.KG1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentatx ir-risposta taghha bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li sema' l-provi, jikkonkludi illi kien hemm muqqas ta' servizz da parti tas-socjeta' ntimata, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' erbghin Ewro (€40.00) lir-rikorrent, filwaqt li jordna lir-rikorrent jirritorna l-flokk in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**